# Qorti tal-Appell Kriminali

**Onor. Imhallef Dr. Antonio Mizzi LL.D., Mag. Juris (Eu Law)**

**Appell Numru: 308/2015**

Il-Pulizija

(Spettur Dennis Theuma)

vs

**Rachel Grech**

bint John, imwielda Pieta', fit-18 ta' Gunju, 1981, detentur tal-karta ta' l-identita' numru 311281(M)

Illum, 16 ta' Novembru, 2016

Il-Qorti,

Rat l-akkuzi dedotti kontra l-appellanta Rachel Grech quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta):

Talli f'dawn il-Gzejjer fit-8 ta' Settembru 2008 u fit-tliet snin ta' qabel din id-data:

a) Kellha fil-pussess taghha d-droga kokaina specifikata fl-ewwel skeda tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta' Malta minghajr ma kienet fil-pussess ta' awtorizzazzjoni ghall-importazzjoni jew ghall-esportazzjoni mahrug mit-Tabib Principali tal-

Gvern, skont id-disposizzjonijiet tar-raba’ u s-sitt Taqsima tal-Ordinanza, u minghajr ma kellha licenzja jew kienet xort’ohra awtorizzata li timmanifattura, jew li tforni l-istess droga u meta ma kinitx b’xi mod iehor bil-licenzja mill-President ta’ Malta li jkollha d-droga msemmija fil-pussess taghha u naqset li tipprova li d-droga msemmija giet fornuta lilha ghall-uzu taghha skont ir-ricetta kif provdut fir-regolamenti msemmija u dan bi ksur tar-regoli tal-1939 ghall-Kontroll Intern tad-Drogi Perikoluzi (GN 292/1939), kif sussegwentement emendati u bi ksur tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi, Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta’ Malta, liema droga nstabet f’tali cirkostanzi li juru li ma kinitx ghall-uzu esklussiv taghha;

b) Kellha fil-pussess taghha medicina psikotropika u ristretta (ecstasy) minghajr awtorizzazzjoni specjali bil-miktub mis-Supretendent tas-Sahha Pubblika, bi ksur tal-Ordinanza dwar il-Professjoni Medika u l-Professjonijiet li ghandhom x’jaqsmu maghha, Kapitolu 31 tal-Ligijiet ta’ Malta u r-Regolamenti dwar il-Kontroll tal-Medicini, Avviz Legali 22 ta' l-1985, kif emendati;

c) Kellha fil-pussess taghha r-raza mehuda mill-pjanta *cannabis* jew xi preparazzjonijiet li jkollhom bhala bazi din ir-raza u dan bi ksur tal-Artikolu 8(a) tal-Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) tad-29 ta’ Mejju, 2015 fejn il-Qorti wara li rat it-Taqsimiet IV u VI, l-artikoli 8(a), 22(1)(a) u 22(2)(b)(i) tal-Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta’ Malta, ir-Regolament 9 tal-Legislazzjoni Sussidjarja 101.02, l-artikoli 40A, 120A(1)(a) u 120A(2)(b)(ii) tal-Kapitolu 31 tal-Ligijiet ta’ Malta, ir-Regolament 3(1) tal-Avviz Legali 22 ta' l-1985,
l-artikoli 4(1) u (2) tal-Kapitolu 537 tal-Ligijiet ta’ Malta u l-artikolu 17(f) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, sabet lill-imputata hatja tal-imputazzjonijiet migjuba kontra taghha u ikkundannatha, fir-rigward tal-imputazzjonijiet (a) u (b) ghal **piena ta’ sitt (6) xhur prigunerija effettiva** u **multa ta’ seba’ mija u hamsin Euro (€750)** li, bl-applikazzjoni tal-artikolu 14(2) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, tista’ tithallas b’rati mensili u konsekuttivi ta’ hamsin Euro (€50), bl-ewwel pagament isir fi zmien xahar mid-data li fiha l-hatja tiskonta l-piena karcerarja li qeghda b’din is-sentenza tigi erogata u ghal dan il-ghan ir-Registratur ghandu jivverifika din id-

data mal-awtoritajiet karcerarji. Pero` jekk il-hatja tonqos milli thallas pagament wiehed, il-bilanc jigi dovut minnufih u jigi konvertit fi prigunerija skont il-ligi.

Fir-rigward tal-imputazzjoni (c), l-imputata giet kkundannata ghal **penali ta' hamsin Euro (€50)**.

Ikkundannat lill-hatja sabiex thallas l-ispejjez li ghandhom x'jaqsmu mal-hatra tal-esperti nominati fil-mori ta' dawn il-proceduri u cioe` l-ispejjez konnessi mar-relazzjoni tal-espert ix-Xjenzat Godwin Sammut, ammontanti ghas-somma ta' tliet mija, disgha u tletin Euro u tlettax-il centezmu (€339.13) u dan ai termini tal-artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, liema spejjez ghandhom jithallsu mill-hatja fi zmien sena mid-data ta' din is-sentenza.

Ordnat d-distruzzjoni tad-droga, ezebita bhala Dokument DT, hekk kif din is-sentenza tghaddi in gudikat, u dan taht il-harsien tar-Registratur li ghandu jirredigi process verbal li jiddokumenta l-procedura tad-distruzzjoni, liema dokument ghandu jigi nserit fl-atti ta' din il-kawza mhux aktar tard minn hmistax-il jum minn tali distruzzjoni.

Rat ir-rikors tal-appellanta Rachel Grech ipprezentat fid-9 ta' Gunju, 2015 fejn talbet li din il-Qorti joghgobha tilqa' dan l-appell billi tirriforma s-sentenza appellata fl-ismijiet premessi u filwaqt li tikkonfermaha f'dik il-parti fejn sabet lill-appellanta hatja fir-rigward tat-tielet imputazzjoni u kkundannata ghal penali ta' €50; thassar, tirrevoka u tannulla s-sentenza f'dik il-parti fejn sabitha hatja tal-ewwel u t-tieni akkuza dedotti kontra taghha u minflok tilliberaha minn kull imputazzjoni, htija u piena fir-rigward tal-istess, jew alternattivament, f'kaz li l-Qorti ma ssibx htija fil-konfront taghha dwar pussess ta' droga f'cirkostanzi li ma kienx ghall-uzu esklussiv taghha in kwantu referibbli l-ewwel imputazzjoni, u fir-rigward ukoll it-tieni imputazzjoni kif hekk misjuba hatja u kkundannata, timmodifika l-istess sentenza appellata, limitatament in kwantu ghall-piena erogata fl-ewwel u fit-tieni mputazzjoni u minflok tinfliggi piena alternattiva minn dik karcerarja.

Rat l-aggravji tal-appellanta u cioe':-

1. Illi fl-ewwel lok u b'referenza ghal-ewwel akkuza addebitata lill-appellanta, ossia l-pussess aggravat tad-droga kokajina, il-fatti mhumiex dawk prospetatti mill–prosekuzzjoni, u dan ghaliex tul id-deposizzjoni tal-appellanta, Rachel Grech, u anke tul id-deposizzjoni tax-xhud Chantelle Marie Cassar, jidher ampjament car li l-hames qratas li nstabu fil pussess ta' Rachel Grech, kienu ghal uzu personali taghhom, u dan stante, kif gie pruvat tul il-proceduri, huma kienu xtaw il-kokajina flimkien, qasmu l-flus u sahansitra dahhluha fl-istabbiliment tad-divertiment flimkien.

Dan premess isostni mhux ghax l-ewwel Qorti m'emmnitx lill-imputata lid-droga kienet mahsuba ghat-tnejn izda stante li strahet biss fuq l-ammont in kwestjoni li nstab fuq l-imputata. Jidher ampjament car mill-konsiderazzjonijiet tal-ewwel Qorti, li l-Ispettur investigatur, kien iddiecieda li jistitwixxi l-addebitu tal-pussess aggravanti fil-konfront tal-appelanta sempliciment ghax l-appellanta, dakinhar li giet investigata minnu ma tatx spjegazzjoni aktar cara dwar l-istess ammont. Isewgi allura li kieku l-appellanta tat spjegazzjoni aktar cara, u li kieku ma bezghtex tikxef lil habibtha, ma kienetx tkun imputata bl-addebitu tal-pussess aggravanti.

L-appellanta ssaqsi allura kif fid-dawl tal-ammissjoni mal-Pulizija mill-istess Chantelle Cassar fejn stqarret li kellha fil-pussess taghha erbgha (4) pilloli tal-ecstacy u nofs l-ammont kokaina misjub fuq l-appellanta, l-istess Cassar titressaq bil-pussess semplici, u Rachel Grech, l-appellanta, titressaq bl-addebitu tal-pussess aggravat? Galadarba Cassar assumiet ir-responsabilita` ta' dan, inkluz il-pilloli, tkun manifestament u palezament ingusta li l-appellanta tinstab hatja u kkundannata prigunerija effettiva ta' addebitu ta' aggravanti fuq pussess allura icken minn tal-istess Cassar. Il-kaz in dizamina, bir-rispett dovut, huwa partikolari u jimmerita gudizzju totalment differenti.

Ghal dan premess, l-appellanta umilment tirrileva li l-istess investigatur kellu l-opportunita` li jifli c-cirkostanzi fl-assjem taghhom stante li kien huwa stess li nvestiga lil habibt l-appellanta u attwalment rrizultalu tul l-istess investigazzjoni li l-ammont misjub fuq l-appellanta kien effettivament jappartjeni lit-tnejn li huma u mhux lill-appellanta biss (referenza ghall-istqarrija ta' Chantelle Cassar).

2. Illi fit-tieni lok, l-appellanta tirrileva li l-ewwel Qorti, dejjem bir-rispett dovut, ghamlet apprezzament hazin tal-provi migjuba quddiemha. L-istess Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali wara analizi tal-provi sabet li l-istess verzjoni moghtija minn Chantelle Marie Cassar bhala wahda veritiera u konsegwentement ikkonkludiet illi l-pussess ta' droga kien propju ghaliha u ghall-appellanta (pagna 9 tas-sentenza fuq citata).

Illi fid-dawl ta' din il-konsiderazzjoni gudizzjarja il-kwistjoni tirrevolvi ma' jekk l-ammont misjub fuq l-appellanta huwiex ammont li ghandu jigi kunsiderat ghall-uzu esklussiv jew le, fejn il-Qorti nferiet li ma kienx ghall-uzu esklussiv.

Fuq dan il-punt wiehed ma jistghax jiskarta d-deposizzjoni tax-Xjenzat Godwin Sammut, fejn filwaqt li ghamel studju dwar x'wiehed, f'cirkostanzi normali jista` jikkonsma, jindika wkoll li tali ezercizzju akkademiku m'huwiex miktub fil-gebel! L-espert stess jirrileva li dejjem jiddependi mill-persuna li tikkonsma d-droga u it-teorija tieghu mhiex applikabbli ghal kull individwu. Senjatament, l-appellanta tikkwota verbatim bran mid-deposizzjoni tax-Xjenzat meta mistoqsi jekk piz ta' nofs 2.93 grammi huwiex ammont sostanzjali jew inkella ammont normali, iwiegeb hekk: '***jiddependi dejjem mill-persuna u li fil-waqt ghal persuna partikolari dan l-ammont jista` jkun bizzejjed, ghal haddiehor l-istess ammont jista` ma jkunx bizzejjed'.*** Wiehed allura ma jistghax ma jistaqsix fuq liema kriterju gie deciz li l-ammont misjub fuq l-istess appellanta, anke addirittura l-ammont fl-intier tieghu kollu kienx wiehed li '***ghal haddiehor l-istess ammont jista` ma jkunx bizzejjed'.*** L-appellanta stqarret *ab initio* li kienet ilha tabbuza mid-droga <u>ghall-perjodu ta' sentejn.</u> Certament li d-dipendenza ghad-droga da parti tal-appellanta fuq epoka ta' sentejn mhiex l-istess ghall-persuna li bdiet tabbuza mill-istess droga recentement.

Tistaqsi allura, fl-isfond ta' dan kollu, ghaliex ingibdet il-konkluzjoni li l-pussess *de quo* ma kienx wiehed ghall-uzu esklussiv <u>anke jekk xjentifikament huwa ppruvat li certu persuni jifilhu jikkunsmaw aktar minn haddiehor?</u> **X'gieghel lill-ewwel Qorti, u fuq liema kriterju l-ewwel Qorti kkonkludiet li l-appellanta taqa` fil-kategorija ta' persuni li jikkunsmaw f'ammonti inqas milli sabu fil-pussess taghha?** Hawnhekk si tratta reat li jgorr mieghu piena karcerarja u konsegwentement il-hsieb u il-konsiderazzjonijiet mill-Qorti ghandhom jiggustifikaw ghaliex

l-istess Qorti irrikorriet ghal wahda u mhux ghall-ohra – fi sfond fejn il-pussess aggravat m'huwiex sorrett minn xi prova ulterjuri.

Isegwi, allura, li ghandu aktar mis-sewwa li l-ammont misjub fuq l-appellanta huwa wiehed ghall-uzu esklussiv u mhux il-kuntrarju. Fil-kamp penali, kien allura jinkombi lill-prosekuzzjoni li ghall-inqas, tenendo kont il-premess, li ssostni l-addebitu tal-pussess aggravat bi provi ulterjuri, imqar cirkostanzjali, u cioe' li l-istess pussess kien wiehed mhux ghall-uzu esklussiv, xi haga mankanti fil-process kriminali.

Il-kaz in dizamina, bir-rispett dovut, huwa partikolari u jimmerita gudizzju totalment differenti proprju minhabba apprezzament hazin tal-provi, meta wiehed iqis ic-cirkostanzi kollha tal-kaz. X' jiggustifika sentenza karcerarja dwar l-istess kaz, b'fatti simili, naxxenti mill-istess stat ta' fatt, bid-differenza li Cassar li addirittura refghet responsabilita` ghall-pussess akbar tinheles b'*conditional discharge* u l-appellanti affetwata b'piena karcerarja effettiva?

Illi fuq l-iskorta ta' dan premess, l-appellanta senjatament taghmel referenza ghal dak li huwa uzu ta' konvinciment morali fid-decizjonijiet tal-Qrati u tikkwota bran mis-sentenza tal-Onorabbli Qorti tal-Appell Kriminali fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Anthony Mallia**, (Appell Kriminali Numru 459/2009):

*"Ghaldaqstant sabiex jigi sodisfacentement ippruvat ir-reat in dezamina, l-Qorti trid, wara li taghmel apprezzament approfondit tal-provi prodotti, tasal ghal konvinciment morali illi mic-cirkostanzi tista'* ***"safely and satisfactorily"*** *tigbed inferenza w tikkonkludi illi kien hemm l-intenzjoni posittiva diretta w specifika ta' l-ispacc. Mhux kull cirkostanza illi tista' twassal ghal xi suspett hija sufficjenti. B'mod generali, il-ligi ma tissanzjonax l-intenzjonijiet, u huwa biss eccezzjonalment illi l-ligi tikkonsidra r-reat ikkunsmat (u mhux biss tentattiv) meta l-intenzjoni kriminuza tkun ghada ma gietx attwata, u ghaldaqstant, l-esponenti jissottometti illi wiehed ghandu jezercita cirkospezzjoni ikbar f'kazijiet simili, u sabiex* ***ma jinholqux ingustizzji*** *l-intenzjoni ta' l-ispacc ghandha tirrizulta b'mod konkret u inekwivoku u mhux sempliciment frott ta' kongenturi u suppozizzjonijiet."*

3. Illi fit-tielet lok u minghajr pregudizzju, l-appellanti umilment taghmel ampja referenza ghal dak dispost fl-artikolu 22 sub-inciz (9), tal-Att dwar Medicini Perikoluzi, Kapitolu 101 tal-

Ligijiet ta' Malta, proprju fil-provvediment sottopost dan is-sub-inciz, li dahal fis-sehh recentement. Illi dan is-sub-inciz flimkien mal-istess provvediment jipprovdu, testwalment, s-segwenti:

'*Id-disposizzjonijiet tal-artikoli 21*[1] *u 28A*[2] *tal-Kodici Kriminali u d-disposizzjonijiet tal-Att dwar il-Probation ma jkunux applikabbli dwar xi persuna misjuba hatja ta' reat kif imsemmi fis-subartikolu (2)(a)(i) jew fis-sub artikolu (2)(b)(i):*

***Izda meta, dwar xi reat imsemmi f'dan is-subartikolu, wara li jitqiesu c-cirkostanzi kollha tal-kaz inkluz l-ammont u x-xorta tal-medicina in kwestjoni, x-xorta tal-persuna involuta, l-att u in-natura ta' kull kundanna li l-persuna kellha qabel, inkluzi kundanni li dwarhom tkun saret ordni taht l-Att dwar il-Probation, il-Qorti tkun tal-fehema li l-hati kien bi hsiebu jikkonsma l-medicina f'dak l-istess post flimkien ma' ohrajn, il-Qorti tista tiddeciedi li ma tapplikax id-disposizzjonijiet ta' dan is-sub-artikolu:***

***Izda wkoll il-hati jista` jikseb beneficcju ghal darba wahda biss mid-disposizzjonjijiet tal-proviso li jigi minnufih qabel dan.***

L-appellanta tirrileva li dak iz-zmien tal-akkadut, dan l-artikolu tal-ligi, li l-piena tieghu hija ferm aktar beneficjali minn dak tal-pussess bl-addebitu tal-aggravanti, kien inezistenti. L-appellanta tistaqsi li kieku l-istess kaz gie kommess in segwitu ghall-introduzzjoni fil-ligi ta' dan il-provvediment, l-ispettur inkarigat mill-investigazzjoni u mill-abbozz tal-imputazzjonijiet, kien jislet l-imputazzjoni ta' pussess aggravanti jew kien jislet dan il-provvediment? L-appellanta ssostni li dak li huwa cert huwa, li dak iz-zmien, dan l-artikolu ma kienx jezisti u ma setgha qatt jigi nvokat mill-Pulizija b'detriment ghal-istess appellanta. Kien proprju l-intendiment tal-Legislatur li ntroduca dan il-provvediment ghal kazijiet vero-simili ghall-kaz indizamina, fejn fil-*common parlance* huwa maghruf bhala *trafficking by sharing* fejn senjatament ghandek zewg persuni li '***kien bi hsiebhom jikkonsmaw l-medicina f'dak l-istess post flimkien ma' ohrajn'.***

[1] Piena taht il-minimum stabbilit.
[2] Sentenza ta' prigunerija sospiza.

Mill-provi prodotti, u wara li 'l-Qorti tqis ic-cirkostanzi kollha tal-kaz' l-element saljenti ta' dan il-provvediment ma jikkonfigurax dan kollu?

Il-Qorti madanakollu trid tissokta tevalwa:

- **Inkluz l-ammont u x-xorta**:

Kif diga` spjegat aktar 'il fuq l-ammont huwa dak li jirrifletti uzu minn zewg persuni u mhux min persuna wahda stante lis-sustanza *de quo* giet mixtrija mit-tnejn li huma bl-iskop li jintuza fl-istess post minnhom it-tnejn, cioe' l-appellanta kif ukoll Chantelle Marie Cassar.

- **Ix-xorta tal-persuna nvoluta, l-att u n-natura ta' kull kundanna li l-persuna kellha qabel, inkluzi kundanni li dwarhom tkun saret ordni taht l-Att dwar il-Probation**:

Kif jirrzulta ampjament car mill-atti processwali mhemm xejn fl-istess atti li b'xi mod jindika li l-appellanta kellha xi kondotta refrattarja. Pjuttost anzi l-appellanta sal-prezent hija persuna b'kondotta nadifa u qatt ma gie addebitat lilha xi imputazzjonijiet jew b'xi mod ingiebet xi forma ta' prova li l-appellanta hija persuna notorja mal-Pulizija.

Illi l-appellanta ssostni allura li fil-kaz indizamina - ***il-Qorti tista tiddeciedi li ma tapplikax id-disposizzjonijiet ta' dan is-sub-artikolu*** - u konsegwentement tenut kont dan premess il-Qorti tista`, fic-cirkostanzi, tapplika piena li mhux restrittiva ghall-liberta tal-appellanta – inkluz l-applikazzjoni tad-disposizzjonijiet ta' l-Att dwar il-Probation jew l-artikolu 28A tal-Kodici Kriminali, Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Fi kliem iehor, il-ligi nbidlet fis-sens li, gie ntrodott dan il-provvediment fil-mori ta' din il-kawza recentement. Isegwi allura, li jekk ir-reat jikkonfigura taht dan il-provvediment, il-Qorti m'ghandiex iccahhad lill-istess appellanta mill-applikazzjoni ta' piena li mhiex restrittiva tal-liberta' taghha. Hawnhekk, mhux si tratta kaz diga in gudikat, izda si tratta kaz li sal-gurnata tad-decizjoni finali mill-Qorti tal-Appell jibqa` konsiderat bhala sub-judice.

In succint dak li jirrekjedi dan il-provvediment jittraduci ruhu fil-fatti spece tal-kaz odjern billi tezisti s-segwenti sitwazzjoni:

- Zewg persuni
- Inqabbdu jabbuzaw mid-droga fl-istess post u cioe` waqt il-party gewwa n-*Numero Uno*
- Fl-istess hin u fl-istess *toilet cubicle*
- Jirrizulta wkoll, anzi mhux lanqas kontestat mill-ewwel Qorti, lid-droga in kwestjoni inxtrat mit-tnejn li huma flimkien, bil-flus tat-tnejn li huma sabiex tittiehed waqt l-istess party.

Dan premess jinsab ukoll sorrett ippruvat mix-xiehda tal-prosekuzzjoni stess. Il-Pulizija li accedew, fittxew u arrestaw lill-appellanta, xehdu li kienu raw lilha u lil Chantelle Marie Cassar hierga <u>mill-istess toilet cubicle</u> u hemmhekk kienet saret it-tfittxija.

4. Illi fir-raba` lok, l-appellanta taghmel ukoll referenza ghall-fatt li dak dedott minnha tul l-interrogatorju ma kienx kawtelat minn ebda` konsulta legali. Kien ghadu zmien fejn id-dritt tal-avukat kien ghadu ma dahalx fis-sehh u ghalhekk, il-Qorti kellha wkoll tqis tali cirkostanzi u ma taghtix sostenn ghall-istqarrija. Dan jinghad b'aktar serjeta, meta mid-deposizzjoni tal-istess Spettur Theuma gie konkluz li l-uniku raguni li l-appellanta ngthatat l-addebitu tal-pussess aggravanti kien motivat minn nuqqas ta' spjegazzjoni cara mill-istess appellanta. Kif jidher ampjament car mill-fedina penali tal-appellanta, l-istess appellanta ghanda fedina penali netta. Qatt ma giet interrogata mill-Pulizija fil-passat u qatt ma kellha esperjenza ta' interrogatorji.
L-ewwel Qorti certament ma haditx qies ta' dan premess stante li lanqas biss hemm referenza ghalih fis-sentenza deciza minnha.

5. Illi fil-hames lok, l-ewwel Qorti kkundannat u inkludiet il-piena karcerarja wkoll anke rigwardanti l-imputazzjoni ta' pussess ghall-uzu esklussiv, [in segwitu ghall-ammissjoni fl-istqarrija tal-appellanta tul l-interrogatorju], dwar it-tieni akkuza fic-citazzjoni. Mill-assjem tal-provi kollha prodotti ma jirrizulta minn imkien li l-appellanta kienet fil-pussess li kien jindika` li ma kienx ghall-uzu esklussiv taghha. Kif jidher car, l-akkuza dwar il-pussess tal-ecstacy harget fil-konfronti tal-appellanta, in segwitu biss ghall-ammisjoni taghha fl-istqarrija. Del resto, lanqas

tul it-tfittxija fid-data tal-akkadut ma nstab fuqha ebda pillola ecstacy. Solitament, kienet minn dejjem is-*sentencing policy* tal-Qrati nostrana, li l-pussess ghall-uzu esklussiv japplika ghalih dak dispost fil-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat l-atti kollha tal-kawza.

Semghet it-trattazzjoni tal-partijiet.

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellant ezebita mill-prosekuzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Ikkunsidrat,

Illi hu principju stabbilit fil-gurisprudenza ta' din il-Qorti li din il-Qorti ma tiddisturbax l-apprezeament dwar il-provi maghmul mill-ewwel Qorti jekk tasal ghal konkluzjoni li dik il-Qorti setghet ragonevolment u legalment tasal ghall-konkluzjoni li waslet ghaliha. Fi kliem iehor, din il-Qorti ma tibbdilx id-diskrezzjoni fl-apprezzament tal-provi maghmula mill-ewwel Qorti, izda taghmel apprezzament approfondit ta' l-istess biex tara jekk l-ewwel Qorti kinitx ragonevoli fil-konkluzjoni taghha. Jekk din il-Qorti tasal ghall-konkluzjoni li l-ewwel Qorti, fuq il-provi li kellha quddiemha, ma setghetx ragonevolment tasal ghall-konkluzjoni li waslet ghaliha, allura dik tkun raguni valida, sabiex tbiddel dik id-diskrezzjoni u konkluzjoni. F'dan il-kuntest wiehed jista' jara s-segwenti sentenzi:
Ir-Repubblika ta' Malta v. George Azzopardi deciza fl-14 ta' Frar, 1989;
Il-Pulizija v. Carmel sive Chalmer Pace deciza fil-31 ta' Mejju, 1991;
Il-Pulizija v. Raymond Psaila u Edward Ellul deciza fit-12 ta' Mejju, 1994;
Il-Pulizija v. Amadeo Brincat u Martin Dimech deciza fis-6 ta' Gunju, 1994;
Il-Pulizija v. Carmelo Schembri deciza fit-28 ta' April, 1995;
Il-Pulizija v. Ezzawi Mehemed deciza fit-3 ta' Novembru, 1995; u
Il-Pulizija v. Giovanni sive John Micallef fit-18 ta' Marzu, 2010;
kollha appelli kriminali.

Illi maghmula din il-konsiderazzjoni wiehed ghandu biex ighaddi ghall-ezami ta' l-aggravji tar-rikorrenti u jaghmel analizi taghhom.

Illi din il-Qorti ezaminat bir-reqqa x-xhieda prodotti mill-prosekuzzjoni u taqbel perfettament mal-analizi li ghamlet l-ewwel Qorti fis-sentenza taghha.

Illi jirrizulta minghajr ebda dubju kif indikat ukoll mill-ewwel Qorti li d-droga nxtrat mill-appellanta u mill-habiba taghha Chantelle Marie Cassar. Fil-fatt din ta' l-ahhar kienet ammettiet il-htija taghha u b'sentenza tal-25 ta' Jannar, 2010 kienet giet misjuba hatja ta' pussess semplici tad-droga kokaina u li kellha fil-pussess taghha pilloli ectasy. Cassar giet mehlusa taht il-provvedimenti tal-artikolu 22 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta bil-kondizzjoni li ma taghmilx reat iehor fi zmien erbatax il-xahar mid-data tas-sentenza.

Illi din il-Qorti hi tal-fehma li l-appellanta kellha d-droga semplicement biex tigi uzata minnha u il-habiba taghha. Ma hemm ebda prova ta' spacc jew tentattiv ta' spacc ta' l-istess u jidher car li din id-droga kienet ghall-uzu esklussiv taghhom. Il-fatt li l-appellanta kellha fil-pussess taghha dawk il-hames qratas ma jaghmilx dak il-pussess tali li juru li ma kinitx ghall-uzu esklussiv taghhom. Dan qed jinghad tenut kont tax-xhieda tal-appellanta u ta' Cassar u fic-cirkostanzi kollha tal-kaz.

Ghaldaqstant, ghal dawn ir-ragunijiet tikkonferma is-sentenza f'dik il-parti fejn sabet lill-appellanta hatja fir-rigward tat-tielet imputazzjoni u ikkundannata ghal hlas ta' multa ta' hamsin euro (€50). Tilqa' l-appell ta' Rachel Grech dwar l-ewwel u it-tieni akkuza migjuba kontra taghha. Thassar u tirrevoka s-sentenza appellata fis-sens li l-appellanta qed tigi misjuba hatja biss ta' pussess semplici tad-droga msemmija. Dwar il-piena, thassar u tirrevoka l-piena ta' sitt xhur prigunerija u il-multa ta' seba' mija u hamsin euro (€750) u minflok tilliberaha taht il-provvedimenti tal-artikolu 22 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta bil-kondizzjoni li ma taghmilx reat iehor fi zmien sentejn mil-lum. Rat l-artikolu 533 tal-Kodici Kriminali u tordna lill-appellanta thallas is-somma ta' tlett mija u disgha u tletin euro u tlettax il-centesimu (€339.13) spejjez inkorsi f'din il-kawza.